# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 914

KAZ NRU. 1125

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Antoine Brimmer

u

Societa' Standard Markets Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 30 ta' Jannar 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 21 ta' Marzu, 1997 b'riferenza MHS/TI/18/97 skond il-provvediment tal-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant isostni li gie mkecci ngustament waqt li l-kumpanija ssostni li l-impjieg tieghu gie terminat ghaliex gie *redundant* bhala konsegwenza ta' ri-organizzazzjoni fl-istruttura manigerjali tas-Socjeta'.

Irrizulta mix-xhieda li l-kumpanija kienet ilha sejra lura u skond is-sur Schembri (pag. 2 tal-10 ta' Ottubru, 1997) wiehed mid-Diretturi kien kellmu fuq l-appellant f'April 1996 biex jara kif seta' jnaqqas l-ispejjes tal-kumpanija.

Il-Managing Director, is-sur Hili, (pag. 3 tat-8 ta' Awissu, 1997) qal li kien iddecieda li l-appellant kellu jispicca, ghall-habta ta' Dicembru, 1996 pero' kienet problema peress li l-appellant kellu familja u ghalhekk id-decizjoni definittiva kienet ghadha ma ttiehdietx. Qal ukoll li l-appellant kien aktar jaghmel xoghol ta' Supervisor milli ta' General Manager u amplifika li f'hanut wiehed aktar kien hemm bzonn ta' amministratur milli General Manager b'dik li jgib mieghu id-doveri u s-salarju ta' General Manager (pag. 5).

Minkejja din il-problema ta' *redundancy*, il-Human Resources Manager ma ddahhalx fil-problema ghax kien gdid ghalkemm din il-problema kienet assolutament tieghu. Decizjoni biex impjegat jitwaqqaf mix-xoghol mhabba *redundancy* tittiehed wara studju serju tal-bzonnijiet tal-kumpanija u tal-alternattivi kollha kif jistghu jitbiddlu d-doveri u r-responsabbilta' ta' dawk li jibqghu - studju li jaqa' fir-responsabbilta' tal-Human Resources Manager, u jekk gdid, taht supervizjoni biex jibda jitrawwem - ghax tali decizjoni trid tittiehed minn min ghandu il-kwadru kollu quddiemu. Din il-kariga tant hija mportanti li anke il-kumpanija appellata innominatu biex jirrapprezentaha f'dan it-Tribunal.

L-ewwel decizjoni definittiva li ttiehdet kienet li l-Purchasing Manager, li kienet ukoll Direttrici tas-Socjeta', li kienet tithallas full-time imma tahdem ftit sieghat giet imwaqqfa u flokha giet impjegata persuna ohra full-time biex taghmel ix-xoghol taghha u anke ta' haddiehor - naturalment ta' xi hadd li kien sejjer jispicca.

Fil-kaz odjern pero' dahal fattur iehor, dak li l-Inglizi jghidu *"the straw that broke the camel's back"*.

Kif ga nghad il-Management kien inkwietat bil-pozizzjoni tal-kumpanija u kien qed ihoss li kien assolutament necessarju li jitnaqqsu l-ispejjes u jizdied in-negozju.

Gara li fil-11 ta' Jannar, 1997 il-Managing Director zar il-hanut u sab *salesgirl* aktar minn numru li suppost ikun hemm u, f'sahna tal-mument, qal il-kliem li "s-sugu taghhom" kien "This is bad management on your side and you are given notice of discharge until end of March" minghajr ma sema' r-raguni plausibbli li rrizultat mix-xhieda waqt it-trattazzjoni tat-tilwima.

Dan l-atteggjament mhux accettabbli u ma jiggustifikax is-simplifazzjoni tal-problema tad-diffikultajiet finanzjari bi tkeccija minkejja li ga kienet ga qeghda tigi kkunsidrata ri-strutturazzjoni tal-impjiegati. Lanqas ma hi accettabbli t-tezi li l-prova ta' *redundancy* tirrizulta mill-fatt li fl-ewwel gurnata ta' xoghol wara l-incident, nghatat istruzzjoni lill-*Accountant* li l-appellant kellu jigi dikjarat *redundant*.

It-Tribunal ihoss li *prima facie*, ir-raguni ewlenija ghal dik it-tkeccija kienet ta' natura dixxiplinarja ghalkemm kien hemm fatturi li setghu jwasslu ghal ristrutturazzjoni li forsi setghet twassal anke ghal *redundancies* ta' xi mpjegati.

Gie pprezentat *Management Report* mix-xhud Schembri li kien gie redatt minnu stesss; dan ir-rapport kien jinkludi *Organization Chart* li kellha tidhol fis-sehh fl-1 ta' April, 1997. Din id-data hija rilevanti ghaliex meta is-sur Hili ta n-*notice of discharge* f'Jannar, kien tah sa l-ahhar ta' Marzu 1997 (pag. 6 tat-8 ta' Awissu, 1997) u allura wiehed ghandu jifhem li huwa aktar verosimili li dan ir-rapport sar wara li tkecca l-

appellant u li ma kienx l-istudju li kellu jwassal il-Management ghall struttura gdida li setghet ukoll tinkludi il-possibilita' ta' xi tnaqqis ta' xi persuni, mhux necessarjament ta' l-appellant.

Fattur iehor li jwassal ghal ghazla tal-procedura ta' dixxiplina u mhux ta' *redundancy* ta' l-appellant kien il-kliema tas-sur Hili - "l-ittra tad-*discharge* harget, pero' kienet ga saret verbalment - ghalija il-kelma hija bizzejjed" u l-kelma ntqalet fil-hanut meta s-sur Hili sab *salesgirl* zejda.

Wara li sema' lill-partijiet dwar in-necessita' ta' tnaqqis ta' l-ispejjes permezz ta' *redundancy*, wara li ma jaqbilx mat-tezi tal-appellant li la x-xoghol ta' mpjegat sejjer jsir minn haddiehor oltre x-xoghol ta' dik it-tieni persuna, ma tistax tigi kkunsidrata *redundancy*. It-Tribunal ihoss li ma jistax jaccetta r-raguni ta' *redundancy* u jaqbel ma' l-ewwel tezi tal-appellant u ghalhekk jiddikjara li t-tkeccija kienet ingusta.

Biex jasal ghal kumpens, it-Tribunal innota li l-appellant kien rega' beda jahdem ma' kumpanija ohra, f'kariga u b'remunerazzjoni simili ghal dik li kellu; li l-appellant kien irrizenja mit-tieni post wara xi hames xhur, ghax hass li l-kumpanija kienet f'diffikulta' finanzjarja tant li kien obbligat jnaqqas il-PAYE u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali imma ma kienx ikollu flus biex jghaddihom lill-Gvern.

Mehuda ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-kumpens qed jigi stabbilit fis-somma ta' **Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin)** pagabbli ghal Lm200 (mitejn lira Maltin) fi zmien gimgha mill-lum u cioe' sas-6 ta' Frar, 1998 u l-bilanc mhux izjed tard mis-27 ta' Frar, 1998 b'dana pero' li jekk l-ewwel pagament

ta' Lm200 (mitejn lira Maltin) ma jithallasx fiz-zmien preskritt, l-ammont kollu jsir dovut fis-7 ta' Frar, 1998.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghall-finijiet tat-tassazzjoni, t-Tribunal jiffissa d-dritt tad-difensuri fl-ammont ta' Lm40 lira kull wiehed.

--------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg